**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Diċembru 2021**

Kawza Numru: 34/2017 (MS)

**Nadia Vella**

**vs**

**Joseph Camilleri**

It-Tribunal

Ra l-avviż tal-attriċi ppreżentat fil-25 ta' Awwissu 2017 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut iħallasha l-ammont ta' tmien mija, wieħed u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€841.50), rapprezentanti nofs l-ispejjeż ta' attivitajiet extra-kurrikulari fir-rigward ta' binhom minuri Eric Camilleri, u dana skond kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti tal-14 ta' Jannar 2008.

Bl-ispejjes u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' meta ġew inkorsi l-ispejjeż relattivi kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Frar 2018 fejn ipremetta fl-ewwel lok illi l-kawża saret intempestivament peress li huwa qatt ma ġie notifikat la bil-kont tal-ispejjeż inkorsi mill-attriċi għall-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel, wisq iktar ingħata rendikont bl-irċevuti ta' kif l-attriċi waslet għas-somma ta' €841.50. L-eċċipjenti qatt ma oġġezzjona li jħallas sehemu mill-

ispejjeż purche' li jingħata rendikont tagħhom; illi l-eċċipjenti qed jopponi l-ħlas tal-imgħaxijiet stante li huwa qatt ma ġie avżat b'dawn l-ispejjes qabel ma ġiet intavolata l-kawża, u wkoll għall-ispejjeż tal-istess kawża billi dawn saru kappriċjosament u bl-intendiment ċar u manifest li ddaħħal lill-eċċipjent fi spejjeż żejda u inutili. Salvi tweġibiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-verbal tal-1 ta' Ġunju 2018 fejn Dr. William Cushcieri għall-attrici talab korrezzjoni fl-ammont mitlub fl-avviż li kellu jiġi indikat bħala €869.50 minflok l-ammont reklamat.

Ra illi t-Tribunal laqa' t-talba għall-korrezzjoni u li Dr. Mario Scerri ghall-konvenut ta' ruħu b'notifikat bil-korrezzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qiegħda titlob nofs l-ispejjes relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari għal binhom Eric Camileri. Min-naha l-oħra, l-konvenut mhux qed joġġezjona li jħallas sehemu mill-ispejjes, pero' jargumenta illi hu qatt ma ngħata rendikont tagħhom jew ġie avżat bihom u għalhekk m'għandux ibati l-ispejjes u l-imgħaxijiet.

Illi rriżulta mill-provi illi l-partijiet żżewġu fl-1 ta' Lulju 2001 u kellhom tifel li twieled fis-sena 2006. Sussegwentement isseparaw peremzz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-14 ta' Jannar 2008, esebit fl-atti. Skond l-istess kuntratt, l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri inkluż ukoll spejjes ta' attivitajiet extra-kurrikulari għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. (fol 30 tal-proċess).

Ikkunsidra

Illi l-attriċi xehdet permezz ta' affidavit fejn irreferiet għal klawżola imsemmija fil-kuntratt u qalet illi t-tifel ilu jattendi attivita' extra-kurrikulari tal-football minn mindu kellu seba' snin u jattendi l-Melita Football Club, f'Pembroke mill-inqas tliet darbiet fil-ġimgħa u ġieli anke nhar ta' Ħadd. Fis-sajf jattendi wkoll Footy4U tlett darbiet fil-ġimgħa. Qalet illi hi dejjem tispiċċa toħroġ l-ispejjes relattivi wahedha nononstante tentattivi biex tiġbor sehem il-konvenut, anke permezz ta' ittri legali. L-attriċi esebiet tabella u tat spjegazzjoni ta' dawn l-ispejjes, u cjoe':

nursery registration fee for season 2015 fl-ammont ta' €315.00

irċevuta mill-Eurosport għal kit mixtrija €43

irċevuta rilaxxata minn Melita Football Club għal training sessions mal-Kick Academy u Kick Summer Club għal perjodu 2016 fl-ammont ta' €340

irċevuta rilaxxata minn Footy4U għal Summer Academy 2016 fl-ammont ta' €280

nursery registration fee for season 2016-2017 u 2017-2018 fl-ammont ta' €760.

Dawn l-ispejjes huma korroborati wkoll b'dokumenti esebiti mill-attriċi stess u ċjoe NV2 - NV7.

L-attriċi tgħid illi sehem il-konvenut għal nofs l-ispejjes jammonta għal €869.00 u li qabel ma ppreżentat il-kawza hi kienet bagħtet żewġ ittri legali lil Joseph Camilleri biex tavzaħ, għall-liema ittri l-konvenut qatt ma wieġeb. (NV 8 u NV9). Esebiet ukoll sentenzi dwar kawżi oħra li kellha tagħmel kontra Joseph Camilleri biex tkopri sehemha tal-ispejjes extra-kurrikulari.

Illi l-konvenut xehed permezz ta' affidavit fejn ikkonferma illi l-partijiet kienu separati legalment b'kuntratt tal-14 ta' Jannar 2008 u li għandhom tifel flimkien li jismu Eric. Jgħid li hemm kawża oħra pendenti bejn il-partijiet quddem il-Qorti tal-Familja u fil-mori kien intlaħaq ftehim li l-attriċi tkun esklussivament responsabbli għal kwalunkwe spejjeż relatati mal-eduakzzjoni, transport u

attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel. Il-konvenut esebixxa kopja ta' din in-nota li ġiet iffirmata bejn il-partijiet. Il-konvenut igħid illi nonostante dan il-ftehim, l-attriċi baqgħet tesiġi ħlasijiet mingħandu għal dawn l-ispejjes extra-kurrikulari. Jgħid ukoll illi biex jevita aktar kwistjonijiet kien baqa' jħallas nofs l-ispejjes alavolja ma kienx obbligat li jagħmel hekk u jgħid li fuq dan il-kaz qatt ma rċieva l-ebda ittra għal ħlas mingħand l-attriċi qabel ma bdiet il-kawża u skond hu, l-attriċi tirrpoċedi kontrih biex tipprova ddaħlu f'aktar spejjes.

**Ikkunsidra**

Illi l-obbligu tal-missier li jikkontribwixxi għal dawk li huma spejjes ta' edukazzjoni, saħħa u spejjes relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tirriżżulta b'mod ċar mill-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu u dwar dan it-Tribunal ma jarax li wieħed b'xi mod jista' jikkontesta dan. Dawn l-irċevuti huma ċari għall-aħħar u fir-risposta tiegħu, l-konvenut stess jagħmilha ċara illi huwa mhuwiex qed joġġezzjona għal sehemu ta' dawn l-ispejjes.

Illi għalkemm fl-affidavit tiegħu, l-konvenut jagħmel referenza għal nota ffirmata bejn il-partijiet, fejn skond hu, l-attriċi ntrabtet tħallas nofs l-ispejjes extra-kurrikulari, dan il-ftehim m'għandux jaqsam xejn mal-ispejjes mertu tal-każ, peress illi skond in-nota konġunta esebita, Nadia Vella obbligat ruħha li tkun esklussivament responsabbli għal kwalunkwe spejjes relatati mal-edukazzjoni, transport u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ġewwa Chiswick House School, sakemm jibqa' jattendi din l-iskola. L-ispejjes mertu ta' din il-kawża huma spejjes relatati ma' attivitajiet li jsiru barra l-iskola, u ċjoe' spejjes relatati mal-Melita Football Club u Foot4U li m'għandhomx jaqsmu xejn ma' Chiswick House School. Għalhekk il-konvenut m'għandux raġun.

Il-konvenut jilmenta wkoll illi huwa qatt ma rċieva l-ebda ittra mingħand l-attriċi fuq dawn l-ispejjes u allura ma jħossx li għandu jbati l-ispejjes tal-kawża. Għalkemm l-attriċi esebiet żewġ ittri, ma saritx il-prova illi dawn effettivament intbagħatu lill-konvenut. Ma jidhirx illi kien hemm skambju bejn il-partjiet dwar dawn l-ispejjes u għalhekk, għalkemm huwa veru illi l-missier għandu l-obbligu illi jħallas nofs l-ispejjes, it-Tribunal iħoss illi l-attriċi għandha

wkoll tavża lill-konvenut b'dawn l-ispejjes. Illum il-ġurnata, huwa faċli ħafna illi tibgħat email jew messaġġ fuq il-mobile u t-Tribunal iħoss illi l-partijiet qegħdin jikkrejaw għalihom infushom iżjed problemi u iżjed spejjes, u kif ngħidu bl-Ingliż 'they are cutting their nose to spite their face".

Illi fit-talba, kif korretta, l-attriċi qiegħda titlob is-somma ta' €869.50. Pero' attwalment nofs l-ispejjes inkorsi jammontaw għal €869.00 u dan huwa l-ammont li t-Tribunal ser jikkanonizza.

Għal dawn ir-raġunijiet jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' parzjalment it-talba tal-attriċi u jikkundanna l-konvenut iħallasha s-somma ta' tmien mija, disgħa u sittin Euro (€869.00) bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjes ta' din il-kawża għandhom jibqgħu bla taxxa, billi kull parti tbagħti l-ispejjes li jgħajtu lilha.

(ft) Michela Spiteri

Gudikant

(ft) Daniel Sacco

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur